# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tejn 8 ta' Jannar 2001

Citazzjoni numru 426/00 AJM

Kawza numru

Martin Azzopardi u martu Anna

Vs

Anthony Ciappara

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-7 ta' Marzu 2000 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fil-15 ta' Novembru 1999 waqt li l-istanti kien jsuq kar Fiat Nru DAA 374 fil-Mosta din sfat involuta f'habta mal-vettura CBF 356 misjuqa mill-konvenut u garrbet hsarat; illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti l-konvenut minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti izda dna baqa' ma ghamilx tajjeb ghad-danni kagunati lill-istanti; illi rizultat ta' dan l-incident l-istanti sofra danni ammontanti ghal elf mija tmienja u disghin lira (LM1,198) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess hu kkaguna lill-istanti,
2. tillikwida d-danni fl-ammont ta' LM1198 kif fuq imsemmi jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti, occorrendo bl-opera ta'periti nominandi,
3. tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjes komprizi LM23 ta' konsult u ittri bonarji, dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29.12.99 (b'zewg notifiki), dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax min-notifika ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-23 ta' Marzu 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-incident tat-traffiku mertu ta' din ic-citazzjoni ma garax tort u htija tieghu izda gara unikament tort u htija ta' Martin Azzopardi, is-sewwieq tal-vettura numru DAA 374, li hareg fuq triq principali minn triq sekondarja minghajr l-ebda prekawzjoni, b'negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni f'kwalunkwe kaz, kif pretiz mill-atturi huma ghal kollox ezagerati, partikolarment f'dak li jirrigwarda il-pre-accident market value tal-vettura ta' l-atturi, u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' April 2000 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-3 ta' Novembru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' Novembru 2000 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Fil-15 ta' Novembru 1999 f'xi l-4.00 p.m. l-attur kien jsuq il-vettura Fiat numru DAA 374 gewwa Nicolo Isuard Street, Mosta. Huwa saq sa tarf it-triq fejn din tisbokka fuq Constitution Street billi ried jikser fuq il-lemin fid-direzzjoni tal-knisja tal-Mosta. L-attur waqaf f'tarf it-triq u innota xarabank gejja mid-direzzjoni tal-knisja, din waqfitlu u s-sewwieqa taghha ghamillu sinjal biex johrog. Wara li accerta ruhu li ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni ta' Targa Gap, beda hiereg izda kif kwazi wasal fil-karreggata sejra fid-direzzjoni tal-Knisja gie milqut mill-vettura numru CBF 356 misjuqa mill-konvenut li dak il-hin kienet ghamlet sorpass tax-xarabank billi marret fuq in-naha l-hazina tat-triq u sabet lill-attur hiereg.

Il-fatti tal-kaz fis-semplicita' taghhom huma dawk hawn fuq deskritti. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar kif gara l-incident ghalkemm intefgha xi dubbju dwar fejn kienet wieqfa il-bus

meta sar is-sorpass. Fil-waqt li l-attur jghid li din kienet kif murija fl-iskizz tal-pulizija, li skond P.S. Jimmy Muscat giet indikata kif qablu l-partijiet – ghalkemm setghet kienet xi metru l-hawn jew lemm; il-konvenut ghamel enfazi fuq l-presenza tal-Bus Stop fl-inhawi u ghalkemm jaqbel li tal-linja kienet wieqfa, donnu issugerixxa li din kienet waqfet fuq il-Bus Stop – u ghalhekk skond hu seta jaghmel sorpass. Din l-allegazzjoni hija ghal kollox michuda mill-attur. Dwar dan din il-Qorti hija tal-fehma li huwa rrilevanti jekk tal-linja kienetx waqfet fuq il-Bus Stopjew le. Li huwa cert hu li biex sar s-sorpass, u dana kif jixhdu l-brake marks li halliet il-vettura tal-konvenut, l-istess konvenut qabez id-double white line u mexa kompletament fuq in-naha il-hazina tat-triq sal mument ta' l-impatt.

Billi l-incident gara f'inkrocju format bejn triq principali – Constitution Street – fejn kien mixi l-konvenut, u triq sekondarja - Nicolo Isuard Street – minn fejn kien hiereg l-attur, normalment tapplika r-regola ta' precedenza stabbilita' fil-Highway Code li jrid li kull min jkun hiereg minn triq sekondarja jaghti d-dritta lill-vetturi fit-triq principali. Izda fil-kaz in ezami hemm zewg elementi importanti li jimmilitaw kontra kull precedenza li setgha kellu l-konvenut.

Fl-ewwel lok it-traffiku fit-triq principali, konsistenti f'xarabank, kien waqaf u ceda d-dritta tieghu lill-attur. B'dan il-mod kull regola ta' precedenza f'inkorcju ta' toroq ta' importanza inugwali giet sospiza, dan partikolarment billi l-karreggata kollha sejra fid-direzzjoni ta' Targa Gap kienet okkupata bl-istess xarabank. Ghalkemm sinjal ta' sewwieq iehor mhux direttiva finali, kien mistenni li l-vetturi kollha ta' wara x-xarabank jieqfu u ma jitentawx sorpass billi ukoll, minhabba d-daqs tax-xarabank,

il-vizwali ghall-vetturi gejjin minn wara din il-vettura kienet ostakolata ghal kollox.

Illi l-manuvra ta’ sorpass tal-konvenut kienet mhux biss perikoluza ghal ahhar izda ukoll kontra kull regola stabbilita ta’ sewqan prudenti u dan partikolarment billi l-vizwali tieghu kienet limitata, kif inghad fuq, u inoltre kienet tinvolvi li l-konvenut jaqsam il-“continuous white lines” li qatt ma hu permess bir-regolamenti.

Ghar-ragunijiet fuq esposti din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-incident de quo gara unikament tort u htija tal-konvenut.

Ikkunsidrat:-

Dwar id-danni jirrizulta li bhala rizultat ta’ dan l-incident il-vettura ta’ l-attur giet dikjarata “beyond economical repair” u cioe mhux tajba biex tissewwa u bhala konsegwenza l-attur ghandu jigi kumpensat bil-valur tal-vettura tieghu qabel l-habta. Mhux kontestat li l-vettura ta’ l-attur ma kienetx tajba ghat-tiswijja, izda l-konvenut qed isostni li l-ammont reklamat bhala “pre-accident value” huwa ezagerat. Naturalment dwar il-partitit zghar ta’ danni ohra ossia spejjes inkorsi mill-attur wara l-incident bhal ma huma spejjes ta’ rmunkar, kiri ta’ karozza ohra, u spejjes incidentali ohra, ma hemmx kontestazzjoni u dawn ghandhom jigu akkolti.

L-attur pprezenta certifikat ta’ certu Lino Abela “Motor Vehicle Surveyor” fejn gie dikjarat li l-pre-accident value tal-vettura tieghu, tenut kont tal-kondizzjoni taghha, kien fl-ammont ta’ elf u mitejn lira maltin (LM1,200) b’”allowance” ghal “wreck” ta’ LM100. Meta l-“wreck

value" jitnaqqas, stante li l-vettura ser tibqa' proprjeta' ta' l-attur, l-ammont pretiz minnu fuq din il-partita huwa ta' LM1,100.

Ic-certifikat fuq imsemmi ma giex kkonfermat minn Lino Abela, izda l-konvenut mhux qed jikkontesta l-veracita jew awtenticita' tieghu f'dan ir-rispett. Qed jinghad biss mill-konvenut li l-ammont reklamat bhala kumepns ghal-valur tal-vettura huwa eccessiv u dan bazat fuq l-valur moghti ghal vettura tat-tip ta' l-attur bis-sena tal-manifattura fuq il-Guide Book on Vehicle Values 1999. Din il-pubblikazzjoni ghandha applikazzjoni generali fil-kazi ta' talbiet ghall-hlas ta' danni fuq vetturi "total loss" meta tkun involuta kumpanija assikuratrici billi tindika kull vettura li qatt giet manifatturata u taghti l-"market value" taghha fid-data in rilevanti. Dan id-dokument ukoll ma giex kkonfermat minn hadd izda lanqas ma gie kkontestat u ghalhekk din il-Qorti ma tarax ghaliex ma' ghandhiex taghti affidament lil dan id-dokument daqs kemm inghata lic-certifikat rilaxxat minn Lino Abela fuq imsemmi.

Miz-zewg dokumenti imsemmija jidher li hemm diskrepanza ta' hames mija u hamsin lira billi d-dokument ezebit mill-konvenut jindika valur fuq is-suq ekwivalenti ghall-nofs l-ammont dikjarat fic-certifikat preparat minn Lino Abela presentat mill-attur. Huwa minnu li valutazzjoni hija prettament haga personali u tiddipendi ukoll mill-kondizzjoni tal-vettura in kwistjoni. Barra minn hekk hemm l-forzi tas-suq li jiddettaw l-prezz finali li wiehed jista' jgieb tal-vettura tieghu fl-istat li tkun. Ghalhekk vetturi tal-istess ghamla u l-istess sena jista' jkollhom jew igiebu prezz differenti. Din il-Qorti fic-cirkostanzi ghalhekk ma ghandhiex triq ohra li tadotta r-regola "boni viri" biex tasal ghal valur gust ta'kumpens billi tiehu l-medja bejn iz-zewg valuri u konsegwentement tillikwida l-valur

tal-vettura ta' l-attur qabel l-habta fl-ammont ta' tmien mija hamsa u ghoxrin lira maltin (LM825.00).

Id-danni totali ta' l-attur ghalhekk qed jigu likwidati fl-ammont komplessiv ta' disa' mija tlieta u ghoxrin lira maltin (LM923).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi filwaqt li tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, tillikwida d-danni attrici fl-ammont komplessiv ta' disa' mija tlieta u ghoxrin lira maltin (LM923.00) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi in linea ta'danni bl-imghax legali mil-lum stante li d-danni qeghdin jigu likwidati b'din is-sentenza.

Spejjes ghall-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri